**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 12 ta' Jannar, 2016

Rikors Nru : 384/15 AL

**AB**
**u**
**CBD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt tar-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettew:

1. Illi l-kontendenti zzewgu fl-20 ta' Marzu 1991, gewwa Harringey, Londra, l-Ingilterra, kif jidher mic-certifikat taz-zwieg hawn mehmuz u immarkat bhala Dokument 'A', liema zwieg gie registrat Malta kif jirrizulta mill-anness Dokument 'B';
2. Illi sa minn ftit wara z-zwieg, il-kontendenti dejjem ghexu Malta, fejn illum huma domiciljati;
3. Illi mill-istess unjoni twieldu zewgt itfal, RBD u SBD, illum it-tnejn maggorenni u m'ghadhomx jistudjaw;
4. Illi l-partijiet qeghdin fil-process li jikkonkludu s-separazzjoni personali taghhom permezz ta' kuntratt illi l-abbozz tieghu qieghed jistenna l-awtorizzazzjoni ta' dina il-Qorti, u in virtu'

ta' liema kuntratt il-partijiet lahqu ftehim bejniethom ghal separazzjoni bonarja fejn kwistjonijiet ta' manteniment kif ukoll kwistjonijiet relatati mas-separazzjoni tal-beni tal-partijiet gew indirizzati. Kopja tal-kuntatt finali tas-separzzjoni legali tal-kontendernti ser jigi pprezentat lill-Qorti waqt l-ewwel udjenza ta' dawn il-proceduri;

5. Illi l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal aktar minn dawn l-ahhar erba' snin u ghadhom sa llum il-gurnata ma rrikonciljawx bejniethom u ma hemm l-ebda tama jew prospett ta' rikonciljazzjoni fil-futur;
6. Illi il-partijiet ghandhom dhul u/jew manteniment adegwat ghalihom, u in oltre m'hemm ebda kwistjonijiet pendenti bejn il-partijiet;

Talbu ghar-ragunijiet fuq imsemmija sabiex din il-Qorti taht dawk il-kundizzjonijiet li jidhrilha xierqa u opportuni :

(i) Tiddikjara z-zwieg ta' bejn il-partijiet, li sehh fit-8 ta' Ottubru 1993, bhala zwieg mahlul (divorzju) ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi; (Art. 66A(1)), (Kap. 16);

(ii) Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fiz-zmien hekk prefiss minn din il-Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku (Art 66A(4), Kap. 16);

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-6 ta' Ottubru 2015;

Rat l-affidavits bix-xhieda tal-partijiet;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :
Illi r-rikorrenti talbet lill-Qorti sabiex tawtorizzaha tirriverti ghal kunjom xbubitha, cioe` Werdmolder u l-Qorti laqghet it-talba, dan waqt is-seduta tat-12 ta' Jannar 2016;

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom de facto separati ghal aktar minn erba' snin u illi ghaddew mill-procedura ta' medjazzjoni;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti qeghda ukoll tawtorizza lir-rikorrenti Isabel Noelle sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha, Werdmolder.

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Dr Abigail Lofaro
Imhallef

Rita Vella Baldacchino
Deputat Registratur